MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 79/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs**

**Eric George.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Eric George ta' 18-il sena, bin Reginald u Rita nee Zerafa, imwieled tal-Pieta' nhar it-13 ta' Lulju 1987 u residenti Flat 9 Block B Appartament Indipendenza Maria De Domenicis Street Santa Lucia jew 158 Triq Azzopardi Marsa ID 325587 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-18 ta' Marzu 2006

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

*(c)* Ukoll talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Marzu 2006 u fil-jiem ta’ qabel ġewwa dawn il-Gżejjer b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas t’a ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta’ Jason Matthew Joseph Muscat ta’ 23 sena bin Anthony u Catherine nee Sultana, residenti Flat 1 Villa Blue Jays, Triq tas-Sruġ, Xagħra, Għawdex bil-

karta tal-identita' bin-numru 408096 (M) bi ksur tal-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

*(d)* Talli fit-18 ta' Marzu 2006 u fl-erba' snin ta' qabel din id-data kelu fil-pussess tiegħu r-raża meħdua mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża ud an bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, <u>*liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li jindikaw li ma kentix għall-użu esklussiv tal-imputat.*</u>

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 23255 tas-sena 1987, il-fedina penali nadifa tal-imputat (fol 4), l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tt-22 ta' Marzu 2006, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 20 u 21), l-istqarrijiet tal-imputat (fol 37 u 52), il-konferma tal-ħatriet magħmula fil-proces verbal (fol 40), il-current incident report a fol 48, id-dokuemnt CA1' Stqarrija ta' Eric George u Stephen Cucciardi' redatt mill-Maġistrat Dr Joseph Cassar' u d-dokument CA2 (fol 61) redatt mill-Maġistrat Dr Joseph Cassar intitolat ' L-allegat overdose ta' Jason Muscat fil-fond Flat 9, Bock B, Independence Falts, Triq Maria De Domenicis Santa Lucija nhar id-19 ta' Marzu 2006, dok RS fol 83, Dok JA fol 86 u d-dikjarazzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 9.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat

L-ex-Spettur Nadia Lanzon xehdet li fid-19 ta' Marzu 2006, għall-ħabta tas-07.30 am hija kienet mgħarrfa li kien daħal rapport li kienet instabet persuna żagħżugħa mejta fi flat 9 Block B Independence Flats Maria de Domenici Street, Santa Luċija. Kien hemm suspett li l-mewt kienet b'overdose ta' droga. Fil-kamra tas-sodda tal-imputat

kien hemm żagħżugħ mejjet. Dan kien jismu Jason Matthew Joseph Muscat ta' 23 sena li kien joqgħod Flat 1 Villa Blue Jays Triq tax-Xagħra, Għawdex. Il-mejjet kien għadu kif ħareġ mid-DDU f'Mount Carmel Hospital ftit jiem qabel. Kien f'dan il-post li l-imputat kien sar jaf lill-mejjet.

Jason Muscat kien ftiehem mal-imputat sabiex l-istess Jason Muscat iqatta' l-weekend għand Eric George. Jason Muscat wasal iċ-Ċirkewwa fid-9.30 pm fejn l-imputat, omm l-imputat u oħt l-imputat kienu qegħdin jistennewh. Fl-10.30pm tas-Sibt Jason Muscat mar jorqod fil-kamra ta' Eric George u dan tal-aħħar daħal jorqod għal xi s-siegħa ta' bil-lejl. Lil Jason Muscat semgħu jonħor, iżda ma kellmux. Meta filgħodu mar missier Eric biex iqajjem lil Jason Muscat, dan ma qamx.

Irċevuta mill-ATM tal-BOV kienet tindika li l-vittma kien ġibed xi flus matul is-Sibt għall-ħabta tas-1.30pm.

**L-Ewwel Stqarrija tal-Imputat.**

Fl-20 ta' Marzu 2006 f'12.40 l-imputat għamel stqarrija. Huwa qal li kellu problema tad-droga u kien ilu jieħu l-ismack sentejn minn mindu kellu 16-il sena. Huwa kien daħal id-DDU ta' Mount Carmel fejn kien qata' l-mistura. L-aħħar li kien ħa smack kien fit-18 ta' Marzu 2006 bejn l-4.00 u l-4.30. Huwa kien sar ħabib ta' Jason Muscat waqt li kien hemm ġew.

Meta mar jorqod għandu Jason Muscat, dan tal-aħħar kellu jieħu għadd ta' pilloli u filgħaxija biss kellu jieħu aktar minn għaxar pilloli. L-imputat kien jaf li l-mejjet kellu l-vizzju tad-droga smack (fol 33). L-imputat kien jaf ukoll li l-mejjet kien għamel tliet xhur clean. Il-Ġimgħa filgħodu l-imputat kien ġab id-droga billi xtara pakkett minn għand persuna X. (fol 34).

Meta Jason Muscat wasal id-dar staqsieh jekk kinux ser jieħdu xi ħaġa. L-imputat qallu li meta jinqdew bil-labra l-imputat kien jista' jtellagħlu kemm irid. (fol 34).
Dak il-ħin stess (fil-11 pm) l-imputat ipprova jġib id-droga iżda s-supplier tas-soltu qallu li kien sar ħin wisq. Lanqas

ma qdieh supplier ieħor. Kienet l-idea tal-imputat li jipprova jixtri minn għand iċ-Ċawajs li ħadhom l-Isla għand wieħed jismu Stephen. Meta kienu għand Stephen, iċ-Ċawajs tahom pakkett ta' ten u ħallsuh L8 għalih. It-Lm8 ħallashom Jason Muscat. L-imputat sajjar il-pakkett u l-imputat ħa tiegħu u Jason Muscat ħa tiegħu iżda lil Muscat id-daqqa tahielu Stephen.

Huma pejpu joint, li kien tal-imputat, bejniethom l-erba'. (fol 35).

Wara li Jason Muscat ġibed il-flus mill-ATM għax ried aktar smack għax kienet għoġbitu. Iċ-Ċawajs kien ħallielhom nofs ġramma ġo pakkett. Din in-nofs gramma ta lill-imputat waqt li Jason Muscat għadda Lm15 direttament liċ-Ċawajs.

L-imputat sajjar in-nofs gramma snack meta wasal id-dar. In-nofs gramam qasmuha bejniethom. L-imputat qassamhom fi tliet siringi – 70, 35 u 35 . Lil Jason Muscat kien qasamhielu fi tnejn. Lil Jason qallu sabiex doża minnhom ma jeħodhiex 'għalissa' għax kien għadu kemm ħa l-oħra. L-imputat qallu wkoll li kellu jeħodha l-għada. Wara l-ikel Jason Muscat ħa l-pilloli. (fol 37). Filfatt Jason Muscat kien ħa ż-żewġ dożi. Jason Muscat daħal jorqod u meta daħal l-imputat sew wara semgħu jonħor. Filgħodu Jason Muscat kien abjad karti.

Meta kienu ltaqgħu ma' Stephen, kien Stephen li faqqagħhielu lil Jason Muscat.

**It-Tieni Stqarrija**

L-imputat għamel stqarrija oħra fil-21 ta' marzu 2006 fis-0.10 pm.

L-imputat iċċara li t-tmien liri li kien ħallas Jason kienu filfatt f'idejn l-imputat u kien l-imputat li għaddiehom liċ-Ċawajs. Għand Stephen kienu ħadu l-ismack l-4 li huma. L-imputat ta dettalji ta' minn fejn kien iġib l-ismoke. (fol

53). Għand Stephen kienu pejpu żewġ joints u dawruhom bejniethom l-erba'. Kien Jason Muscat li xtara l-ismoke. Kif kienu sejrin lejn Santa Lucija ddeċieda li ried jixtri nofs gramma li għaliha ħallas Lm15.

L-imputat kien staqsa liċ-Ċawajs minn fejn setgħu iġibu l-ismoke u ċ-Ċawajs qalilhom li issa kien ser jirranġalhom.

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

Adrian Paul Vella, stazzjonat ir-Raħal Ġdid, ippreżenta kopja tal-okkorrenza.

Xehdet Catherine Muscat, omm il-mejjet li qalet li Jason Muscat kien ibati mill-OCD (fol 62). Hija qalet li binha kien għadu kif ħareġ mill-isptar fejn kien amr biex jikkontrollawlu l-pilloli. Omm l-imputat kienet ċemplitilha sabiex Jason Muscat imur jorqod għandhom. Is-Sibt filgħodu binha kien ċemplilha u wara x-xhud ċemplet lil omm l-imputat biex ma tħallihomx imorru Paceville minħabba li Jason Muscat kien qed jieħu l-puilloli. Binha ġieli kien qalilha 'U iva nieħu l-ħaxixa li tobrom' u huma, bħala ġenituri, kienu jgħidulu 'Le.'.

Xehed ukoll Anthony Muscat, missier Jason Muscat. Huwa qal li ibnu kien ilu jbati minn OCD sitt snin. Ibnu ried jgħin lil kulħadd. Huwa ma xtaqtx li ibnu jinżel Malta minn Għawdex u meta telaq ħa miegħu 4 medikamenti differenti. Kien reluttanti li ibnu jmur għand l-imputat iżda mbagħad wasslu sal-vapur. Ix-xhud qal li ibnu ma kellux problema ta' hard drugs. Il-missir imbagħd semma l-mediċini li kien jieħu ibnu (fol 74). Lit-tifel kien tah id-doża li kellu bżonn għall-Ġimgħa u s-Sibt. It-tifel kien ħa d-doża li kellu jieħu. It-tifel qatt ma kien ħa doża aktar milli suppost.

PS 964 Robert Scicluna kkonferma r-relazzjoni tiegħu dwar ir-ritratti(fol 81).

PS 602 Jonathan Attard ikkonferma r-relazzjoni tiegħu dwar l-impronti diġitali. (fol 84).

L-Ispiżjar Mario mifsud ikkonferma r-relazzjoni tiegħu li qegħda a fl 27 sa 58 tal-proċess (b'mod partikolari fol 34) fejn ikkonkluda li t-tleit pilloli kbar kienu dawk ta' Seroquel, it-8 pilloli kienu dawk ta' Clomipramine, iż-żewġ pilloli lewn isfar keinu promazine, il-kapsola ta' lewn roża kienet Omeprazole, l-pillola u nofs żgħar lewn abjad kienu Bromazepam (li jaqgħu taħt il-Part B tat-TieniSkeda), il-biċċiet tas-sigaretti tal-brim użati kien hemm it-traċċi tat-THC u kien hemm traċċi ta' eroina fuq biċċa karta rettangulari.

Il-Professoressa Marie Therese Camilleri flimkien ma' Dr Bridgette Ellul (fol 90 et) xehdu li kien hemm pulmonary oedema li tista' tiġi mid-droga pero' ma setgħux jistabilixxu l-kawża definite għax dan huwa xogħol it-tossikologu.

Dr Michael Sammut, it-tossikologu, xehed hekk:

'basically kienet ittieħdet l-heroina bejn 12 u 24 siegħa qabel il-mewt bejn wieħed u ieħor. '

Huwa kompla jixhed hekk:

'Instab materjal li ssib is-soltu meta jkunu każi bħal dawn, ikun hemm l-eroina u barra minn hekk kien hemm ukoll preżenti l-cannabis, seta' kien hemm l-abbuż ftit jiem qabel iżda ma tistax tgħid il-ħin. Barra minn hekk kien ukoll xi antidepressants. Dawn għandhom it-tendenza li jżidu wkoll l-effett tal-eroina. Il-ġisem ikollu jirrispondi b'mod li jkollu depression ta' CNS sewwa mill-heroina u sewwa minn dawn il-materjali li huma antidepressants. **Għandek taħlita plus mediċinali. Jekk fl-awtopsja ma jkunx hemm sinjali ovvji ta' trauma u fit-tossikoloġija jidhru li kien hemm, speċjalment l-eroina, ic-chances huma li l-kawża tal-mewt tkun ġejja minn hekk. Mill-materjali kollha li jkunu effettwaw il-ġisem, ma tkunx l-eroina biss. Fosthom l-eroina. Il-cause of death ħafna drabi hija combination ta' xi nstab fl-awtopsja, jiġifieri elimination ta' affarijiet oħra, plus imbagħad**

**dawn il-materjali li jkunu nstabu li jkunu ttieħdu pjuttost riċenti qabel il-mewt.** Il-mediċinali li nstabu huma anti-depressants. Dawn waħedhom ma ser jagħmlu ebda effett. Biss imbagħad meta jkollok combination ta' dawn it-tip ta' mediċinali u l-eroina, jista' jiżdied l-aktar l-effett tal-eroina fuq CNS u tiżdied it-tossiċita'. (Ara fol 103).

Xehed ukoll Stephen Cucciardi (13 t'April 2007)(Ara wkoll ix-xhieda ġuramentata) li qalli l-imputat kein ħa l-ismack miegħu. L-eroina kien ġabha Charlo. Charlo kien ta d-droga lilu. L-imputat kien ġie bid-droga għandu. Jason Muscat kien ħa l-eroina dak in-nhar. L-imputat kien daħal fil-kamra tal-banju ma' Jason Muscat. Wara ħarġu u xtraw l-ismoke. L-ismoke kien xtraha Jason Muscat għax ħareġ il-flus hu. Huwa tahom lil Charlo li mar jixtri l-ismoke. Imbagħad marru jpejpuha għandu u lil Jason Muscat rah ħażin. Huwa wissa lill-imputat beix ma jagħtihx aktar u keċċiehom 'il barra minn hemm. (fol 115). Huwa kien ra lill-imputat itaqqab lil Jason Muscat (fol 116). Ix-hud qal 'Ma rajtux jagħtihielu eżatt' u 'Le ma rajtux itaqqbu.'

Hawnhekk inqrat l-istqarrija li kien għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Fost id-dettalji hemm dan li ġej:

'Niftakar li Jason Muscat beda jgħid lil sieħbu biex jagħtihielu għax ma setax jeħodha.' (fol 120). (Qabbel fol 35 –'Jason ħa tiegħu imma d-daqqa tahielu Stephen għax Jason ma setax isib il-vina). U a fol 121 ix-xhud ċaħad li kien hu li taqqab lil Jason Muscat għax bilkemm kien jaf itaqqab lilu nnifsu (fol 121).

Huwa qal ukoll kien qallu ħafna drabi biex ma jagħtihx aktar. Wara li pejjep l-ismoke ix-xhud kien irrabja ħafna mal-imputat. Huwa kien ħa qatgħa meta sar jaf li kienu xtraw nofs gramma oħra.

Is-serologu, is-Sur Robert Cardona, ikkonferma li t-tip ta' demm li nstab kien it-tip 'O'.

**Id-Difiża**

Xehed l-imputat u qal li Jason Muscat ried jinqeda filgħaxija meta wasal minn Għawdex iżda ma setgħux jinqdew. L-għada s-sibt sabu jixtru l-eroina minn għand iċ-Ċawajs. Din inxtrat fit-18 ta' Marzu, 2006 mill-Isla. Jason Muscat kien xtara mill-flus tiegħu. L-imputat ħa d-droga tiegħu waqt li Stepehn ta lil Jason Muscat. Jason Muscat imbagħad ried jixtri l-ismoke. Huma staqsew liċ-Ċawajs u dan kien jaf wieħed mill-Birgu. Imbagħad pejpu l-ismoke. Jason Muscat ried jinqeda nofs gramma oħra u ċ-Ċawajs għamel din in-nofs gramma. L-imputat sajjar in-nofs gramma u qal lil Jason Muscat biex ma jiħux id-doża kollha u kien għalhekk li lilu qasamhielu f'żewġ dożi. Iżda Jason Muscat kien ħa s-siringa l-oħra u qal li kien iħossu happy.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għad-definizzjoni ta' traffikar kif tidher fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101. Din ***'tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali medicina bi ksur tal-Ordinanza.'***

Din id-definizzjoni tinkludi bħala traffikar kull informazzjoni li wieħed jagħti minn fejn tista' tinkiseb id-droga. Huwa punt li ħafna jaħarbilhom iżda qiegħed fid-definizzjoni li mhix waħda eżawstiva minħabba li tuża l-kelma 'tinkludi' u għalhekk jista' jkun hemm forom ta' traffikar oħra simili għal dawk imsemmija għalkemm dawn il-forom ta' traffikar mhumiex speċifikatament imsemmija.

Issa, fil-proċeduri tal-lum, meta l-imputat sar jaf li Jason Muscat propju fl-istess jum li wasal minn Għawdex ried id-droga, l-imputat, flok waqaflu, beda jċempel dak il-ħin

stess sabiex jara minn fejn iġib din id-droga. L-għada, l-imputat mhux talli ta' l-informazzjoni bil-fomm, iżda laqqa' lis-supplier ma' Jason Muscat. Kien l-imputat li kien jaf is-supplier għax Jason Muscat, peress li joqgħod Għawdex, ma kellux informazzjoni dwar suppliers Maltin. Iżda l-imputat kien xtara minn għand iċ-Ċawajs xi ħmistax-il darba. Filfatt l-imputat qal:

***'L-idea (taċ-Ċawajs) kienet tiegħi peress li Jason ma kien jaf lil ħadd Malta fejn seta' jinqeda.'***

Il-fatt li l-flus ħallashom Jason Muscat ma jbiddel xejn mill-pożizzjoni legali tat-tifsira tal-kelma 'traffikar'. Kien l-imputat li għamel it-traffikar tad-droga possibbli. Lanqas hu daqshekk importanti min ta l-injezzjoni lil Jason Muscat meta kienet qed tittieħed għand Stephen Cucciardi, jiġifieri jekk kienx l-imputat innifsu li injetta l-eroina jew kienx Stephen Cucciardi. Ir-reat ta' 'traffikar' kien diġa' twettaq.

Meta nxtrat in-nofs gramma l-oħra, l-imputat ingħata d-droga waqt li Jason Muscat ħallas Lm15-il lira direttament liċ-Ċawajs. Għat-tieni darba, għalkemm il-ħlas jidher li effettivament sar minn Jason Muscat, l-imputat mhux biss ħa d-droga f'idejh iżda reġa' kien strumentali biex isir il-bejgħ għaliex li kieku l-imputat ma kienx introduċa ċ-Ċawajs l-ewwel darba, kieku ma kienx ikun hemm din it-tieni laqgħa u t-traffikar ġdid.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni Imputazzjoni**

Din hija dwar il-pussess sempliċi tad-droga eroina. Ġaladarba l-imputat ammetta fl-istqarrija li kellu d-droga eroina kif ukoll rah ukoll bl-eroina ix-xhud Stephen Cucciardi, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni għalkemm fil-fehma tal-Qorti din hija teknikament assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**It-Tielet Imputazzjoni**

B'din l-imputazzjoni l-imputat huwa akkużat li kkaġuna l-mewt ta' Jason Muscat. L-ewwelnett, skond l-awtopsja, Jason Muscat kellu pulmonary oedema. Skond it-tossikologu, hemm provi li l-mejjet kien ikkonsma l-eroina 12-il siegħa sa erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-mewt. Kien hemm ukoll traċċi tat-THC u l-preżenza tal-antidepressants. L-antidepressants waħidhom ma jħallu ebda effett.

Mela wieħed jista' jeskludi li l-mewt kienet ikkaġunata mill-antidepressants.

Iżda mis-silta estensiva ta' x'qal it-tossikologu aktar 'il fuq **Għandek taħlita plus mediċinali. Jekk fl-awtopsja ma jkunx hemm sinjali ovvji ta' trauma u fit-tossikoloġija jidhru li kien hemm, speċjalment l-eroina, ic-chances huma li l-kawża tal-mewt tkun ġejja minn hekk. Mill-materjali kollha li jkunu effettwaw il-ġisem, ma tkunx l-eroina biss. Il-cause of death ħafna drabi hija combination ta' xi nstab fl-awtopsja, jiġifieri elimination ta' affarijiet oħra, plus imbagħad dawn il-materjali li jkunu nstabu li jkunu ttieħdu pjuttost riċenti qabel il-mewt.**

**Meta l-Qorti tqis dak li xehdu l-esperti li għamlu l-awtopsja fuq Jason Muscat kif ukoll dak li stabilixxa t-tossikologu qed tikkonkludi li l-imputat huwa ħati ta' din l-imputazzjoni. Din l-imputazzjoni tkopri kemm in-nuqqas ta' ħsieb kif ukoll in-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti.**

**L-imputat wera nuqqas ta' ħsieb kbir meta ħabrek biex tinkiseb l-eroina minkejja li kien jaf li sieħbu ġie minn Għawdex armat bil-pilloli. Barra dan kien sar ħabib tiegħu propju fi sptar fejn it-tenjn kienu qegħdin jieħdu ċertu kura. U fuq kollox, huwa ħejjielu l-aħħar biċċa min-nofs gramma meta kien diġa' jaf kif kien spiċċa sieħbu għand Stephen Cucciardi li saħansitra keċċiehom 'il barra għax kien diġa' xamm li jista' jinqala' l-inkwiet.**

**Barra mill-aspetti ta' nuqqas ta' ħsieb msemmija hawn fuq, meta l-imputat kien qed jaffiċilita l-ksib tal-eroina ma kienx qed iħares ir-regolamenti u / il-liġijiet li jipprojbixxu dan. Dawn huma l-Kap 101 u r-regolamenti taħt il-GN 292/1939.**

Hawn il-Qorti sejra tirreferi ghall-każ deċiż fil-21 ta' Marzu 1996 Appell Numru 126/95 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta minn (dak iż-żmien) l-Onor Dr. Vincent Degaetano (illum Prim Imħallef) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mario Bartolo) versus Richard Grech fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

"3. L-omċidju kolpuż hu trattat fil-liġi tagħna fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, ġia l-artikolu 239 fl-Edizzjoni ta' l-1942 ta' dak il-Kodiċi. Fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli" il-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant Imħallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruħha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:

"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ('imprudenza'), ("imperizia") fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita', minn event dannuż involontarju. Għandu jiġi permess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe`, illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita` normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret" (Kollez. Deċiż. Vol. XLV. Iv. 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti).

Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom ativita` diretta għal xi fini partikolari li tista' tagħti lok għall-konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe` l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita` partikolari – tgħallem li f'dawk il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu preġudikati.

"Sorgono per tal modo" ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come per es., quello per cui il-possessore di un' arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita` pubblica o privata, a fissura queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenza nocive per i terzi ..... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di taluno delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell' agente un rimpovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato; tu non sei stato cauto e diligente come avresti douto. Il rimpovero, cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giusice rimpovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessu biasino puo' muoversi all' agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dale autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale. Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-espożizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali tagħna jirreferi għar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' ħsieb", "traskuraġni", u "nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti." Hu appena

neċessarju jingħad li b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti il-leġislatur mhux qed jirreferi biss għal leġislazzjoni sussidjarja (li tiġi fis-seħħ permezz ta' avviżi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet eċċ), iżda għal kull forma ta' kondotta statutorja stabbilita, u għalhekk qed jirreferi ukoll għal dawk ir-regolamenti promulgate minn enti privata (per eż., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni ħsara għal kull min jaħdem jew jidħol f'dik il-fabbrika). In fatti kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco l-espressjoni użata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bħal fil-każ ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita` għat-tħaris ta' terzi tammonta għal negliġenza jew imprudenza, il-għaliex huwa ċertament imprudenti jew negliġenti mhux biss min jitraskura li jieħu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, iżda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet speċifikament preskritti minn xi awtorita`.

4. Mill-esperjenza ordinarja tal-ħajja, il-ħsara – ħsara fiżika jew mentali, jew mewt – li setgħet tiġi kaġunata bl-użu ossia amministrazzjoni ta' din id-droga, kienet prevedibbli għall-appellant. Fi kliem ieħor, hu wera kemm imprudenza kif ukoll traskuraġni meta għadda l-eroina lill-vittma. Kif jispjega l-ġurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol. 7, Parte 2, v. Colpa (materiale penale), Diritto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna tgħamel li hu reġjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' dan il-virtu`, tikkonsisti filli wieħed jgħamel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, pero` il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta. Fil-każ in diżamina l-appellant forna l-eroina

evidentement biex din tiġi użata – dan hu l-element posittiv tan-ness kawżali; mill-banda l-oħra ma jirriżultax li l-ħsara, il-mewt f'dan il-każ, kienet dovuta għal xi konkors ta' fatturi eċċezzjonali – l-element negattiv tan-ness kawżali (ara Antolosei, F., op. cit., p. 214). Fi kliem ieħor, kieku ma kienx għall-eroina li forna l-appellant, Derk Fenech ma kienx imut meta miet. (L-istess kumment jgħodd għall-każ odjern).

5. Pero` f'dan il-każ hemm element ieħor li jikkonkretizza n-negliġenza ta' l-appellant; l-inosservanza ta' regolamenti. Il-liġi stess – l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha – tipprovdi li ħadd ma għandu jforni eroina jekk mhux meta jkun debitament awtorizzat skond l-istess liġi. Dan id-divjet hu intiż propju biex jevita l-ħsara li tista' tiġi kaġunata minn dawn il-mediċini ossia drogi. Meta si tratta tan-non-osservanza ta' dawn it-tip ta' regolamenti, il-kwistjoni tal-previdibbilta` tal-ħsara tassumi importanza minima:

"Il criterio della previdibilita`, se e` veramente indispensabile per accertare l'imprudenza e la negligenza generica, non esplica, per l'incontro, alcuna funzione nei casi di colpa derivanti da inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. In tale settore, siccome l'attivita` pericolosa e` disciplinata da apposite regole, basta che sia accertata la violazjone di una di queste perche` sorga la responsabilita`; il che si spiega, considerando che l'inosservanza delle norme precauzionali sancita espressamenta dalle autorita`, di per se stessa concreta quell'imprudenza o negligenza che costituisce la caratteristica essenziale della colpa" (Antolosei, F. op. cit., p. 326).

**In-Negliġenza kontributorja tal-vittma**

Il-Qorti qieset ukoll jekk kienx hemm negliġenza kontributorja da parti tal-vittma. Il-Qorti tqis li l-vittma seta' ħa xi ftit ħsieb tiegħu nnifsu ġaladarba kien jaf li qiegħed

fuq l-antidepressants u li ommu u missieru lanqas biss riduh joħroġ mid-dar.

Iżda skond id-dottrina u l-ġurisprudenza tagħna, in-negliġenza kontributorja tal-vittma **mhix** difiża għall-imputat. ‘Contributory negligence is no defence to a criminal prosecution because the Crown and not the deceased or his representative is the plaintiff.’ Manzini jikteb ukoll: ‘I rapporti penali non intercedono tra private, ma tra gli individui e lo Stato il qaule tutela gli interessi di tutti; e la trasgressione di una persona non puo’ costituire, ne’ moralmente ne’ giuridicamente, ragione sufficiente per sanare la trasgressione dell’altra e per privare l’ordine giuridico generale della tutela che il nostro diritto gli appresta.’

Fost il-każistika tal-Qrati tagħna, insibu d-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta’ Novembru, 1992 mill-Imħallef Dr.Victor Caruana Colombo fil-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Joseph Busuttil et’ insibu;

‘M’hemmx dubju li Carabott, il-mejjet, ikkontribwixxa għall-inċident bin-negliġenza tiegħu, anzi wkoll bl-inosservanza tar-regolamenti. Di fatti ma kellux dawl fuq ir-rota li kien riekeb fid-dlam ċappa li kien. Din iċ-ċirkostanza pero’ ma tiskolpax lill-appellati mir-responsabilita’ kriminali tagħhom. Tiġi kkunsidrata fl-applikazzjoni tal-piena.’

Aktar reċenti kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef Dr.Vincent Degaetano fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Joseph Muscat’ fejn il-Qorti qalet hekk:

‘Huwa minnu li Cilia u l-helpers li kellu miegħu jżarmaw in-niċċa u l-istatwa setgħu ħadu prekawzjonijiet aħjar biex jiġi evitat l-inċident. Pero’ dan il-fatt jista’ jkollu relevanza biss fil-kamp ċivili u mhux ukoll (ħlief għal finijiet ta’ piena) fil-kap penali.’

. Kif jgħid l-Antolisei:

'…..il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto private, in cui sono in guoco injteressi prevalentemente patrimoniali che debbono essere conciliate, non ha diritto di cittadinanza nel campo penale.'

**Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat pjenament ħati tat-tielet imputazzjoni.**

**Ir-raba' imputazzjoni.**

Din hija pussess aggravat tal-cannabis. Probabbli li l-Prosekuzzjoni tat din l-imputazzjoni minħabba li l-imputat kien stqarr :

*'Qgħadna hemm u pejjipna joint aħna l-erbgħa u l-joint kien tiegħi u qsamnieh bejnietna.'*

L-imputat xorta kien qiegħed 'jittraffika' għax kien qed iforni d-droga cannabis lil sħabu la l-joint kien tiegħu.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17(b) u 17(h) u 225 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina penali nadifa kif ukoll li għen sew lill-Pulizija u għalhekk

jimmerita li jgawdi **mill-artikolu 29 tal-Kap 101**.[1] Min-naħa l-oħra ma tistax tinjora l-fatt li dan in-nuqqas ta' ħarsien tal-Liġi u tar-regolamenti kkawża mewt.

**Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' tliet snin u għall-ħlas ta' multa ta' €3120 liema multa tista' titħallas b'r'rati ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel fi priġunerija skond il-Liġi tenut kont tal-proviso tal-artikolu 11(3) tgal-Kap 9.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tla-inkjesta li saret wara s-sittax ta' Jannar 2006 fi żmien xahar minn meta r-Reġistratur joħroġ il-kont.**

**Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Meta dwar persuna misjuba ħatja ta' reat kontra din l-ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għasp-sodisfazzjon tal-qorti lit kun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew bin-nofs.